**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 19 – Kontinwazzjoni**

**IL-ĦAMIS 23 TA' MEJJU 2013 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-17.10**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri M. Fava, A. Chetcuti u R. Rossignaud kienu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**TALBA**

IS- SINDKU QAL IT-TALBA.

**I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – ikompli**

1. Is- Sindku informa li qed jagħmel kuntatti dwar sponsors sabiex tiġi rranġata l-entratura' tas-Swieqi jiġifieri iż-żewġ mini fi Triq is-Swieqi.

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – Kontinwazzjoni**

Mill-Viċi Sindku Dr. J. Fenech

1. Il-Viċi Sindku rraporta li saret laqgħa fl-uffiċini tal-Kunsill mas-Sur K. De Martino, rappreżentant tal-kumpanija KDM ( li joperaw CCTV Cameras f'lokalitajiet differenti). Din il-laqgħa saret dwar il-possibilta' ta' installar tas-sistema fi Triq is-Swieqi, Triq is-Sidra u parti minn Triq il-Keffa. Fil-laqgħa ġie rrakomondat li minn dawn il-cameras jsiru ħamsa mqassmin ma' toroq msemmija. Ir-rappreżentant nforma li hemm żewġ sistemi li l-Kunsill jista' jadotta:

   - Il-Kunsill ikun responsabbli mill-Monitoring bi prezz ta' €20 kuljum jew il-Cameras jkun recordings at random bi prezz ta' €12 kuljum.
   - Il-Kunsill ma jkollux x'jaqsam ma' xejn lanqas ma' manutenzzjoni jew vandaliżmu pero' l-ħlassijiet taċ-ċitazzjonijiet jmorru kolla għar-Reġjun.

   Wara li l-Kunsill iddiskuta iż-żewġ proposti fid-dettal, ġie deċiż li tintgħażel it-tieni għażla. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jinforma lill-KDM b' din id-deċiżjoni sabiex din tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun.

2. Rigward is-siegħat tal-Gwardjani Lokali fil-lokalita' tagħna, wara diskuzzjoni ġie deċiż b' mod unanimu li s-siegħat jibqgħu sagħtejn. Il-Viċi Sindku nforma li fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun se jinfurmahom bil-pożizzjoni tal-Kunsill.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier nforma li huwa qed jaħdem bi sħiħ dwar l-attivita' tal-Water Festival flimkien mal-Kunsillieri M. Fava u A. Chetcuti. Huwa nforma li din l-attivita' x'aktarx se tirrikjedi ħafna spejjeż. F'laqgħa oħra se jiġu ppreżentati aktar dettalji.

2. Rigward il-kampanja *Swieqi To Go Green,* il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier P. Fenech iltaqa' ma' rappreżentat tal-Kunsill Lokali ta' Wied il-Għajn waqt seminar dwar l-ambjent. Ir-rappreżentat ta' dan il-Kunsill informa, li l-istess Kunsill rebaħ unur prestiġġjuż ta' l-aktar Kunsill f' Malta innovattiv. Il-Kunsill ta' Wied il-Għajn wettaq diveri inizjattivi fosthom li l-faċilitajiet santiraji pubbliċi qed jaħdmu b' sistema solari. Dwar din il-kampanja l-Kunsillier informa li bgħat rapport permezz ta' email lill-Kunsillieri kollha u lill-ħaddiema klerikali tal-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETRAJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – Kontinwazzjoni**

Mill-Kunsillier P. Fenech – ikompli

*3.* Il-Kunsillier nforma li bħalissa huwa qed jikkomunika mal-Managment tal-Marina Corinthia Hotel sabiex is-seminar dwar il-kampanja ta' Swieqi To Go Green, li għalih se jattendu żewġ persuni professjonali f' dan il-qasam, jsir f'din il-lukanda. Dan is-seminar mistenni jsir nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2013 fil-5pm. Huwa ħa l-inkarigu li jiġbor il-kwotazzjonijiet meħtieġa.

*4.* Huwa ssostna li jeħtieġ li ssir laqgħa mas-Sinj. A. Camilleri dwar kif il-Kunsill jista' jibbenefika minn xi fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jinforma lill-persuna kkonċernata dwar din il-laqgħa.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-28 ta' Mejju 2013 se ssir il-ħarġa għal Għawdex. Hija nfurmat li s'issa hemm attendenza numeruża.

2. Il-Kunsillier nfurmat li xogħol fuq Skola Sajf beda' u fil-futur se ssir laqgħa ma' l-għalliema ta' din is-sena sabiex kollha jkunu jafu eżatt x'inhuma r-responsabilitajiet tagħhom.

3. Hija staqsiet jekk hux possibli li ssir parking bay għall-muturi fi Triq is-Sejjegħ. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dwar din il-possibilta' huwa se jiddiskuti mas-Sur J. Farrugia.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li nhar l-Erbgħa 19 ta'Ġunju 2013 fis-13.00hrs fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija se ssir laqgħa mal-Kumissarju tal-Pulizija sabiex terġa' tiġi diskussa meta se tibda' tiffunzjona l-Għassa tal-Pulizija fil-bini ta' Ċentru Ċivku l-ġdid.

2. Hija nfurmat li s-Sinj. Mifsud Cremona qed ikollha problema peress li ta' spiss qed jidħol l-ilma fir-residenza privata tagħha. Hija nfurmat li x'aktarx dan l-ilma ġej minn xi bir fil-viċin. Is-Sindku nforma li l-Kunsill diġa' għamel dak kollu li seta' sabiex jaqdi lil din ir-residenta. Fuq il-post ġew ukoll uffiċċjali mill-Koperazzjoni ta' l-Ilma u ġie kkonfermat li din il-problema m'hijiex ġejja minn xi main maqsum. Minn rapport li sar mill-Perit tal-Kunsill jirriżulta li dan hu ilma ġieri li jkun imppossibli li tiddentifika minn fejn ġej.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETRAJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier M. Abela – tkompli

3. Hija rreferiet għall-spazju ta' parkeġġ li fil-preżent għandu *double yellow lines.* Hi staqsiet dwar il-possibilta' li dawn il-linji jitneħħew.

4. Il-Kunsillier infurmat li Traffic Calmer fi Triq ta' l-Ibraġ mhux mwaħħla dritta u għaldaqstant din hemm bżonn titranġa kif ukoll tiġi nstallata ftit 'il fuq jew ftit l'isfel peress li din qed toħloq inkonvenjent għar-residenti tal-viċinanza.

5. Hija rreferiet għall-proġett kbir li qed jsir fi Triq il-Ġiebja; hija staqsiet dwar il-possibilta' li jsir kuntatt mas-Sidien sabiex dawn inaddfu l-art tal-madwar.

6. Hija nfurmat li madwar il-Forti Madliena hemm xi arbli ta'l-injami li huma fil-periklu li jaqgħu. Is- Segretraju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jirraporta dawn l-arbli perikolużi.

7. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-organizzazjoni ta' l-Atleti ta' Pembroke tixtieq tagħmel laqgħa mal-membri tal-Kunsill. Ġie deċiż li aktar tard dan ix-xahar jiġi miftiehem meta se ssir din il-laqgħa. Is-Sindku nforma li se jieħu l-inkarigu li jiftiehem ma' din l-organizzazjoni.

8. Il-Kunsillier nfurmat li hija attendiet għall-aħħar seduta li saret tar-Reġjun Tramuntana fejn ġie diskuss is-siegħat li jagħmlu l-gwardjani lokali fil-lokalita. F' din il-laqgħa ġie deċiż li s-siegħat jiżdiedu għall-erbgħa minnflokk għall-tnejn. Il-Kunsill ideċieda li ma jaqbilx ma' din il-proposta' peress li l-Kunsill ma jinsabx kuntent bis-servizz li qed jingħata fil-lokalita' tagħna għaldaqstant il-Kunsill insista li dawn m'għandhomx jiżdiedu għall- erbgħa siegħat.

9. Hija nfurmat li hemm xi siġar miżrugħa fiż-żona ta' l-ex lukanda Forum li peress li se jsir proġett kbir u dawn is-siġar se jinqalgħu, jistgħux jerġgħu jiġi miżrugħa fiż-żona tal-Madliena, f' Wied Mejxu jew f' Wied Għomor. Is-Sindku nforma li hu diġa' kellu kuntatti mal-MEPA dwar dan is-suġġett u dawn infurmaw li mhux se jagħtu permess li dawn jinżergħu fiż-żona tal-Fortizza.

HUGH ZAMMIT
SEGRETRAJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier A.Curmi

1. Il-Kunsillier informa li permezz ta' email bgħat lista ta' xi xogħlijiet ta' manutenzzjoni pendenti fil-lokalita' u affarijiet amministrattivi pendenti. Is-Segretraju Eżekkutiv informa li din il-lista ġse tiġi diskussa mal-ħaddiem tal-Kunsill. Din il-lista tinsab anessa ma' dawn il-Minuti (App. A)

2. Rigward Triq is-Sidra, il-Kunsillier informa li quddiem ħanut partikolari saru 2 parking bays tal-muturi. Dawn saru mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill u għalhekk ġie deċiż b' mod unanimu li dawn il-parking bays irridu jitneħħew. Huwa nforma wkoll li f' din it-triq irridu jsiru xi arranġamenti fis-sinjali tat-triq wara li ssir konsultazzjoni ma' l-uffiċċjali tat-Transport Malta.Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jorganizza laqgħa mas-Sur J. Farrugia (Koperrativa Tabelli u Sinjali) .

3. Il-Kunsillier issuġerixxa sabiex il-Kuntrattur tad-dawl, Mica Med Ltd., tintbagħtlu ittra uffiċċjali ffirmata mis-Sindku u mis-Segretraju Eżekuttiv biex tinfurmah dwar id-dewmien żejjed li qed jkun hemm sabiex isiru t-tiswijiet u sabiex jintbagħtu l-*invoices* fil-ħin.

4. Huwa reġa' staqsa sabiex issir iż-żebgħa safra fuq Traffic Calmers tal-laktsu. Din it-talba ilha ssir għal iktar minn sena.

5. Il-Kunsillier staqsa dwar *email* li kien intbagħtet mill-iskwadra tal-Pulizija ta' kontra l-Vizzji f'April li għadda. Huwa informa li sfortunatament il-Kunsill ma kienx ikkonferma data minn dawk li kienu mniżżlin. Is-Segretaru Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jorganizza din il-laqgħa.

6. Il-Kunsillier staqsa dwar il-pożizzjoni tal-kawża pendenti dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa. Hu staqsa jekk tħarkux is-sidien. Is-Segretraju Eżekuttvi wieġeb illi se jagħti aktar informazzjoni dwar dan il-każ wara seduta li jmiss fl-4 ta' Ġunju 2013.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Huwa nforma wkoll li dwar l-estenzjoni tal-kariga tiegħu, ikkomunika mas-Sur M. Cohen, Konsulent fl-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari Onor. H. Herrera'. Ġie nfurmat li l-estenzjoni qiegħda fil-final u dal-waqt se tintbagħat konferma uffiċċjali. Is-Segretraju Eżekuttvi wiegħed li malli din il-korrispondenza tasal, huwa mmedjatament se jinforma lill-Kunsillieri.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETRAJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV – ikompli

2. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma dwar il-ħtieġa ta' l-uniformi tas-Sajf għal ħaddiema kollha. Kien hemm qbil unanimu dwar dan ix-xiri.

3. Ġiet ppreżentatat kwotazzjoni tad-dawl fi Triq Fuq il-Ġonna, din tikkonsisiti f' żewġ arbli 9mtrs , żewġ antenni, trinek u l-wiring kollu li tammonta għal €4956.00. Il-Kunsill iħoss li din l-istima hija wisq għolja, għaldaqstant is-Sindku talab sabiex issir laqgħa fuq il-post mal-Kuntrattur.

4. Is-Segretraju Eżekuttiv qassam iċ-ċertifikazzjoni ta' l-Assikurazzjoni lil kull Kunsillier.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2013 .

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**